IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2024
COM(2024) 77 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**"Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024"**

{SWD(2024) 77 final} - {SWD(2024) 78 final}

## Introduzzjoni

Is-Suq Uniku tal-UE, wieħed mill-akbar żoni ta' kummerċ integrati fid-dinja, huwa fil-qalba tal-kompetittività tagħna. B'aktar minn 440 miljun konsumatur u ekonomija ta' skala kbar, għamilha possibbli għall-UE li ssir l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja – bin-negozji tagħha li jirrappreżentaw kwart tal-esportazzjonijiet globali fis-servizzi u wieħed minn kull ħamsa fi prodotti ta' teknoloġija avvanzata[1] – u destinazzjoni mixtieqa għall-investiment barrani. Il-qafas makroekonomiku stabbli u l-infrastruttura ta' kwalità għolja tiegħu jappoġġaw ambjent tan-negozju li jiffavorixxi l-investiment u huma bbażati fuq mudell b'saħħtu tal-ekonomija tas-suq soċjali.

Is-serje ta' kriżijiet reċenti enfasizzaw l-importanza tat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni ħadet inizjattivi ewlenin biex tippreżerva l-integrità tas-Suq Uniku u ssaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'dan il-kuntest ta' sfida u fid-dawl tal-kompetizzjoni globali dejjem tikber, il-Kummissjoni tistinka biex tgħaqqad it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ma' Suq Uniku kompetittiv u sostenibbli, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi permezz ta' prezzijiet aktar baxxi, għażliet diversifikati u drittijiet komuni protetti sew.

L-UE għandha assi b'saħħithom ħafna biex tibni fuqhom: inġiniera bi kwalifiki għoljin, eċċellenza fir-riċerka, infrastruttura ta' kwalità, bażi ta' manifattura solida, settur tas-servizzi b'saħħtu, vantaġġ kompetittiv fl-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa, kompjuters bi prestazzjoni għolja, teknoloġiji kwantistiċi u teknoloġiji diġitali trasformattivi – u, ovvjament, is-Suq Uniku bħala punt tat-tluq.

Madankollu, l-ekonomija Ewropea qed tiffaċċja sfidi – kemm dawk li ilhom jeżistu kif ukoll aktar reċenti – relatati mat-tibdil fil-klima, il-bidliet ġeopolitiċi, l-aċċellerazzjoni teknoloġika, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, id-demografija, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, id-dipendenzi strateġiċi, u l-kompetizzjoni internazzjonali inġusta.

Fl-2023, il-**Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku"**[2] iddiskutiet it-triq 'il quddiem dwar kif is-Suq Uniku jista' jiġi approfondit aktar biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tiegħu. B'mod parallel, il-**Komunikazzjoni dwar il-Kompetittività fit-tul**[3] ipprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-isfidi marbuta mal-kompetittività u vvalutathom permezz tal-perspettiva ta' disa' motivaturi tal-kompetittività (ara l-Illustrazzjoni 1). Din il-**Komunikazzjoni tipprovdi analiżi tas-Suq Uniku u tal-kompetittività tiegħu, strutturata tul dawn id-disa' motivaturi tal-kompetittività** u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) relatati. Meta xieraq, din tidentifika wkoll il-prijoritajiet futuri u tirrakkomanda azzjonijiet.

---

[1] Ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (Economic resilience | Single Market Scoreboard (europa.eu), taqsima tal-kummerċ).

[2] It-30 Sena mis-Suq Uniku, tas-16 ta' Marzu 2023, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023DC0162.

[3] Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030, is-16 ta' Marzu 2023,chrome-extension://efaidnbmnnnibpcajpcglclefindmkaj/https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023DC0168.

Għalhekk, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-ewwel ċiklu annwali li fih il-Kunsill, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew jiddiskutu l-progress u l-miżuri meħtieġa fir-rigward tal-futur tas-Suq Uniku u l-kompetittività.

*Illustrazzjoni 1: Definizzjoni tal-kompetittività bbażata fuq disa' motivaturi*




Sors: Komunikazzjoni dwar il-Kompetittività fit-tul (COM(2023)168)

## 1. Suq Uniku li jiffunzjona

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur |
|---|---|---|---|
| KPI 1: Integrazzjoni fis-Suq Uniku | Integrazzjoni fis-Suq Uniku: il-kummerċ meta mqabbel mal-PDG | Żieda | 26,3 % għall-oġġetti (2022)<br>23,5 % għall-oġġetti (2021)<br>7,5 % għas-servizzi (2022)<br>6,6 % għas-servizzi (2021) |
| KPI 2: Defiċit fil-konformità (direttivi trasposti b'mod inkorrett) | Dan ikejjel l-għadd ta' direttivi trasposti li għalihom il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur minħabba traspożizzjoni ħażina | 0,5 % | 1,2 % (2023)<br>1,3 % (2022) |

[4] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

**Kodifikazzjoni tal-kulur:**

| | |
|---|---|
| (abjad) | L-ebda xejra disponibbli |
| (aħdar) | Imtejba |
| (isfar) | Stabbli (bidla ≤2%) |
| (aħmar) | Agħar |

**Is-Suq Uniku huwa prerekwiżit għall-kompetittività fit-tul. Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb ipprovda lill-UE b'bażi ekonomika b'saħħitha f'dawn l-aħħar 30 sena: riżerva kbira ta' domanda, sorsi ta' provvista diversifikati u opportunitajiet għall-innovazzjoni u għall-espansjoni fil-produzzjoni, filwaqt li jiġu appoġġati drittijiet soċjali b'saħħithom u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Din uriet li hija għodda b'saħħitha għall-bini ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti, li tipprovdi lieva ġeopolitika meta jkun meħtieġ.**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri indirizzaw l-ostakli għall-funzjonament tas-Suq Uniku. Fl-2023, permezz tat-**Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET)**, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jneħħu 301 verifika minn qabel għall-professjonijiet fejn ma jkunux proporzjonati. L-SMET eżaminat ukoll aktar minn 170 ostaklu relatat mal-proċess għal proġetti tal-enerġija eolika u solari, u impenjat ruħha li tneħħi nofshom. Dan l-objettiv diġà nqabeż, b'60 % tal-ostakli kkonfermati li ġew indirizzati. Abbażi tal-evidenza min-**network SOLVIT**, fl-2023 tnieda proġett li jindirizza d-diskriminazzjoni relatata mal-IBAN fis-Suq Uniku fis-settur pubbliku u fit-telekomunikazzjoni.

Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni ħadet azzjoni ta' infurzar fil-pront meta kienu involuti l-prinċipji ewlenin tal-aċċess ħieles għas-swieq jew tfaċċaw prattiki diskriminatorji kontra operaturi mhux nazzjonali. Il-Kummissjoni ħadmet b'mod partikolari biex tindirizza l-ksur tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u l-pagamenti tard, biex tiżgura t-trasparenza u l-effiċjenza fis-swieq appoġġati mill-akkwist pubbliku, u biex tiddefendi l-interessi tal-SMEs. Issaħħu għodod preventivi bħad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u l-valutazzjoni *ex ante* ta' restrizzjonijiet ġodda fir-regolamentazzjoni nazzjonali tas-servizzi professjonali.

Il-Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku" tistabbilixxi miri u inizjattivi konkreti għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-infurzar tar-regoli eżistenti u t-tneħħija tal-ostakli nazzjonali, pereżempju fis-settur tas-servizzi. Il-Kummissjoni stabbiliet mira li tnaqqas id-defiċit fil-konformità għal 0,5 % (jiġifieri l-perċentwal massimu ta' Direttivi trasposti b'mod inkorrett). Ir-rata reali tjiebet fl-2023 u laħqet il-1,2 % (ara l-KPI 2), u l-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tilħaq dan l-objettiv, peress li jista' jinkiseb **tkabbir addizzjonali sostanzjali**[5] billi jiġu indirizzati l-ostakli nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' **implimentazzjoni aħjar tar-regoli miftiehma.**

[5] L-Immappjar tal-Kost tan-Non-Ewropa, 2019-24, Studju tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, 2019 (ikkwotat ukoll fil-Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku"). https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_STU(2019)631745

*Piż regolatorju u simplifikazzjoni*

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti tal- |
|---|---|---|---|
| KPI 17: Faċilità ta' konformità regolatorja (Piż tar-regolamentazzjoni tal-gvern) | Il-perċezzjoni tan-negozju billi tingħata tweġiba għall-mistoqsija: "F'pajjiżek, kemm huwa faċli għall-kumpaniji li jikkonformaw mar-regolamentazzjoni tal-gvern u r-rekwiżiti amministrattivi (eż. permessi, rapportar, leġiżlazzjoni)? (1 = Kumpless iżżejjed; 7 = Faċli ħafna)" fl-istħarriġ għall-Indiċi ta' Kompetittività Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji. | Żieda | 3,80 (2022)<br>3.64 (2021) |

Il-piżijiet regolatorji bdew jonqsu fl-UE (ara l-KPI 17), b'mod partikolari minħabba sforzi fil-livell tal-UE. Fl-2022, il-proposti tal-Kummissjoni wasslu għal iffrankar amministrattiv ta' EUR 7,3 biljun aktar mill-kostijiet[7]. F'Marzu 2023, il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika l-formalitajiet għall-kumpaniji li joperaw f'diversi Stati Membri u li tkompli tespandi u taġġorna l-użu ta' għodod u proċessi diġitali fid-**dritt tal-kumpaniji**[8].

Il-Kummissjoni estendiet ukoll l-implimentazzjoni[9] tal-**Gateway Diġitali Unika**[10], l-inizjattiva emblematika tal-UE dwar il-Gvern elettroniku. B'mod speċifiku, minn Diċembru 2023, l-Istati Membri huma obbligati jipprovdu aċċess online għal 21 tip ta' proċeduri importanti lill-utenti nazzjonali u transfruntiera[11]. Is-**sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)** tgħaqqad 12 000 awtorità u tiffaċilita skambji għal 35 000 utent irreġistrat fuq 20 qasam ta' politika u bil-lingwi kollha tal-UE. Il-portal tad-Dikjarazzjoni tal-Istazzjonar tat-Trasport bit-Triq[12], ikkollegat mas-sistema tal-IMI, jippermetti lis-settur tat-trasport bit-triq jissottometti b'mod diġitali dikjarazzjoni waħda uniformi dwar l-istazzjonar tas-sewwieqa. Minn Frar 2022 sa Diċembru 2023, 33 miljun dikjarazzjoni ta' stazzjonar ġew sottomessi permezz tal-portal. Il-Kummissjoni dan l-aħħar qablet fuq mudell elettroniku volontarju għal dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar ta' ħaddiema ma' għadd sinifikanti ta' Stati Membri u qed taħdem fuq portal multilingwi għal tali sottomissjonijiet. L-**Att dwar Ewropa Interoperabbli**[13] jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni strutturat bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE li jnaqqas l-ostakli għas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntieri u transsettorjali[14].

Il-Kummissjoni implimentat l-approċċ "One In, One Out", kif ukoll introduċiet kontroll obbligatorju tal-kompetittività u saħħet it-test tal-SMEs għall-iskrutinju ta' proposti ġodda. Qed tagħmel ukoll progress lejn il-mira li l-piż mir-**rekwiżiti ta' rapportar jitnaqqas b'25 %**. L-ewwel sett ta' 41 inizjattiva biex jitnaqqsu dawn il-piżijiet ġie ppreżentat fil-programm ta' ħidma

---

[6] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal
[7] Annual Burden Survey 2022, https://commission.europa.eu/system/files/2023-09/ABS_20230912_0.pdf
[8] Proposta għal Direttiva biex tkompli tespandi u taġġorna l-użu tal-għodod u l-proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji - id-dokumenti kollha - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
[9] COM (2023) 534
[10] https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/single-digital-gateway_en
[11] L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1724.
[12] https://www.postingdeclaration.eu/landing.
[13] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_5730
[14] chrome-extension://efaidnbmnnnibpcajpcglclefindmkaj/https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022DC0710&qid=1709216247702

tal-Kummissjoni tal-2024[15]. Pereżempju, ir-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni hija mistennija li ġġib madwar EUR 2 biljun f'iffrankar tal-ispejjeż. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea se tkompli tiffranka EUR 450 miljun[16].

Barra minn hekk, fis-17 ta' Ottubru 2023 tnediet sejħa għall-evidenza u l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati se jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' razzjonalizzazzjoni mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni. Fl-2024 se jkun hemm kontribut ulterjuri mill-Pjattaforma "Fit for Future", b'rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati għas-simplifikazzjoni u għat-tnaqqis tal-piż, inkluż dwar l-obbligi ta' rapportar[17]. L-Istħarriġ tal-Piż Annwali li jmiss se jirrapporta dwar il-progress.

B'mod aktar ġenerali, huma meħtieġa sforzi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex tiġi ssimplifikata aktar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni miftiehma, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-"gold-plating" mhux ġustifikata u jiġu indirizzati l-impatti kumulattivi u ż-żmien tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Dan jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u tiġi żgurata viżibbiltà akbar għad-deċiżjonijiet ta' investiment.

*Suq Uniku modernizzat*

L-UE adottat diversi miżuri biex tgħin lill-konsumaturi jibbenefikaw mis-Suq Uniku. Pereżempju, l-inizjattiva taċ-ċarġer komuni diġà qed tissimplifika l-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej. L-isforzi biex jiġu indirizzati l-asserzjonijiet jew l-inizjattivi ekoloġiċi illeġittimi dwar id-dritt għat-tiswija jikkontribwixxu wkoll biex jiġu ffaċilitati r-restrizzjonijiet għaċ-ċittadini u tiġi promossa ekonomija aktar ekoloġika.

Ittieħdu passi regolatorji deċiżivi biex jiġi żviluppat Suq Uniku fis-settur diġitali, li jipprovdu sett uniformi ta' regoli għan-negozji biex joperaw madwar l-UE: l-**Att dwar is-Swieq Diġitali**[18] biex il-pjattaformi tal-gwardjani jiġu pprevenuti milli jimponu kundizzjonijiet inġusti fuq in-negozji u l-konsumaturi; l-**Att dwar is-Servizzi Diġitali**[19] biex jiġi żgurat li dak li huwa illegali offline ikun ukoll illegali online, l-**Att dwar il-Governanza tad-*Data***[20] biex tiżdied id-disponibbiltà tad-*data* u l-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-*data* u jingħelbu l-ostakli tekniċi għall-użu mill-ġdid tad-*data*; l-**Att dwar id-*Data*[21]** għall-armonizzazzjoni tar-regoli rigward l-aċċess ġust għad-*data*; u l-**Att dwar l-IA** biex tiġi pprovduta ċertezza legali u tinfetaħ it-triq għall-innovazzjoni f'IA affidabbli[22].

[15] Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
[16] https://commission.europa.eu/system/files/2023-10/Factsheet_CWP_Burdens_10.pdf
[17] Tlieta mit-tmien opinjonijiet ippjanati għall-2024 huma relatati mal-obbligi ta' rapportar, li jkopru r-rapportar awtomatizzat dwar is-sostenibbiltà; l-azzjonijiet u l-metodoloġija biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' obbligi ta' rapportar mhux meħtieġa; u fuq ir-Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tas-servizzi finanzjarji.
[18] Ir-Regolament (UE) 2022/1925
[19] Ir-Regolament (UE) 2022/2065
[20] Ir-Regolament (UE) 2022/868
[21] Att dwar id-*Data* | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (europa.eu)
[22] https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/regulatory-framework-ai

Barra minn hekk, bħala reazzjoni għat-tfixkil tas-Suq Uniku kkawżat mill-miżuri kontra l-COVID 19, l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku (SMEI)[23] li ngħata l-isem ġdid **Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA)**[24] se jiżgura li s-Suq Uniku jkompli jiffunzjona u jappoġġa liċ-ċittadini u lin-negozji f'sitwazzjonijiet kritiċi.

---

[23] Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu) Il-koleġiżlaturi laħqu ftehim fl-1 ta' Frar 2024, u l-SMEI hija mistennija li tiġi adottata matul din il-leġiżlatura.
[24] SMEI / IMERA: il-Kunsill u l-Parlament jilħqu ftehim proviżorju dwar it-tħejjija għall-kriżi - il-Kunsill (europa.eu)

*SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja*

L-għan tal-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs[25] huwa li jippermetti lill-SMEs jikkompetu u jikbru. Kif muri minn studju reċenti tal-Kummissjoni[26], il-kumpaniji li jisbqu d-definizzjoni tal-SMEs – l-hekk imsejħa intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs) – għandhom rwol vitali fl-ekonomija tal-UE, li jikkostitwixxi 6 % tal-impjiegi ġenerali. Dawn huma preżenti b'mod prominenti f'ekosistemi industrijali li huma kruċjali għall-kompetittività u għas-sovranità teknoloġika tal-UE, bħall-elettronika, l-ajruspazju u d-difiża, l-enerġija, l-industriji intensivi fl-enerġija u s-saħħa. Madwar 20 % tal-SMCs kollha kienu SMEs 3 snin qabel[27]. Meta mqabbla mal-SMEs, l-SMCs għandhom it-tendenza li juru pass aktar mgħaġġel ta' tkabbir, livell ta' innovazzjoni u diġitalizzazzjoni, iżda għadhom jiffaċċjaw ċerti sfidi simili bħall-piż amministrattiv, inkluża l-ħtieġa ta' aktar proporzjonalità f'leġiżlazzjoni ġdida u għal appoġġ immirat. Sabiex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni bla xkiel tal-SMEs f'SMCs, huwa importanti li dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod koerenti.

Definizzjoni għall-SMCs diġà tintuża skont ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija[28] u l-Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju[29]. Abbażi ta' din id-definizzjoni, il-Kummissjoni se timmonitorja r-riżultati kemm għall-SMEs kif ukoll għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja skont il-programmi finanzjarji rilevanti u tieħu azzjoni biex ittejjeb l-involviment ta' dawn il-kumpaniji, meta rilevanti. Barra minn hekk, se tiżviluppa sett tad-*data* usa' dwar l-SMCs u tapprofondixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-ostakli li jimpedixxu t-tkabbir u t-tranżizzjoni tal-intrapriżi ta' daqs medju fl-SMCs, filwaqt li tqis il-fehmiet tan-network tal-SMEs u ta' partijiet ikkonċernati oħra. Dan se jinfluwenza d-deċiżjonijiet futuri dwar kif l-aħjar tiġi stabbilita definizzjoni armonizzata tal-SMC għal skopijiet orizzontali, u biex jiġu identifikati oqsma fejn ikun rilevanti li jiġu stabbiliti miżuri regolatorji, ta' finanzjament jew ta' politika proporzjonati.

*Tkabbir*

F'Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew witta t-triq għal **tkabbir tal-Unjoni Ewropea u b'hekk tas-Suq Uniku[30]**. Il-Kummissjoni diġà qed taġixxi biex tintegra l-pajjiżi kandidati fis-Suq Uniku billi tivverifika l-progress tagħhom fl-allinjament mad-dritt tal-UE, tgħinhom jagħmlu r-riformi politiċi u ekonomiċi meħtieġa (u spiss sostanzjali), u billi tippreparahom għad-drittijiet u għall-obbligi li jiġu mas-sħubija fl-UE. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kandidati issa huma assoċjati mal-Programm tas-Suq Uniku u mal-Programm Ewropa Diġitali. Għall-2023-2024 ġew miftiehma pjanijiet direzzjonali għall-implimentazzjoni mtejba taż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi

[25] Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs (europa.eu). Ara wkoll l-Anness 3A ta' dan ir-rapport dwar il-monitoraġġ tal-pakkett ta' għajnuna għall-SMEs.
[26] Study to map, measure and portray the EU mid-cap landscape - https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/ad5fdad5-6a33-11ed-b14f-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-277396461
[27] https://www.esri.ie/system/files/publications/BKMNEXT429.pdf
[28] https://eur-lex.europa.eu/MT/legal-content/summary/general-block-exemption-regulation.html
[29] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2021.508.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2021%3A508%3ATOC
[30] Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiftaħ negozjati mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, jiftaħ negozjati għall-adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba jintlaħaq il-grad meħtieġ ta' konformità, u li jagħti status ta' pajjiż kandidat lill-Georgia: europeancouncilconclusions-14-15-12-2023-mt.pdf (europa.eu).

u Komprensivi mal-Ukrajna u mal-Moldova bl-għan li dawk il-pajjiżi jingħataw aċċess ulterjuri għas-Suq Uniku tal-UE.

Is-Suq Uniku jeżiġi sjieda politika u għandu jikkostitwixxi sforz komuni, flimkien mal-atturi kollha u fl-oqsma kollha ta' politika.

Abbażi tal-progress miksub taħt dan il-mandat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jlestu u jimmodernizzaw is-Suq Uniku b'mod partikolari billi jżidu l-implimentazzjoni korretta u l-infurzar robust tad-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mal-"gold-plating". Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni tkompli tippromwovi l-istabbiliment ta' Uffiċċji nazzjonali tas-Suq Uniku ddedikati, bl-Istati Membri jiżguraw mexxejja ta' livell għoli u r-riżorsi meħtieġa. Dawn l-uffiċċji, li jkunu komplementari għal għodod kollaborattivi oħra, jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-indirizzar tal-ostakli li fadal għas-servizzi.

L-implimentazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku għandha tiġi ssimplifikata, billi jiġu kkombinati għodod preventivi, kollaborattivi u ta' rimedju. L-Istati Membri għandhom jilħqu l-miri konkreti fir-rigward tal-konformità u tat-traspożizzjoni tad-Direttivi. In-network SOLVIT, il-ħidma fl-SMET u l-Uffiċċji tas-Suq Uniku ddedikati jistgħu jgħinu biex jiġu solvuti aktar ostakli għas-Suq Uniku, inkluż għas-servizzi. Sabiex isir dan, għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi għal din il-ħidma.

It-tnaqqis tal-piż regolatorju għandu jibqa' prijorità fil-livelli kollha. Ir-riformi regolatorji u l-istrumenti ta' appoġġ għandhom jimmiraw b'mod partikolari l-SMEs u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

B'mod parallel, il-pedamenti u r-riformi meħtieġa għat-tkabbir għandhom ikomplu jiżguraw integrazzjoni ta' benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi tat-tkabbir fil-ktajjen tal-provvista Ewropej.

## 2. Aċċess għal kapital u investiment privat

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti tal-UE[31] |
|---|---|---|---|
| KPI 3: Investiment privat bħala sehem tal-PDG | L-investiment privat huwa marbut direttament mal-faċilità tal-aċċess għall-kapital privat. | Żieda | 19,3% (2022)<br>18,7% (2021) |
| KPI 4: Investimenti ta' kapital ta' riskju bħala sehem tal-PDG | Il-progress f'dan il-qasam huwa indikatur tajjeb tal-progress fl-aċċess għall-kapital privat b'mod ġenerali. | Żieda | 0,09 % (2022)<br>0,11 % (2021) |

**L-investiment privat fl-UE żamm sod mill-kriżi finanzjarja meta mqabbel ma' atturi internazzjonali oħra. L-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) huwa essenzjali biex jiġi sfruttat l-investiment privat u biex tiżdied il-kompetittività tal-UE. L-investimenti meħtieġa biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, tissaħħaħ ir-reżiljenza u tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, se jkollhom jiġu primarjament mis-settur privat.**

[31] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

F'dan il-mandat, mis-16-il azzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-CMU tal-2020 propost mill-Kummissjoni, kważi kollha ġew adottati jew miftiehma politikament. Madankollu, minkejja kundizzjonijiet imtejba tas-swieq kapitali tal-UE, dawn il-miżuri waħedhom mhux se jikkompletaw is-CMU u d-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju, għadha insuffiċjenti għall-espansjoni ta' kumpaniji innovattivi u għall-finanzjament tat-tkabbir futur.

Ir-regolament dwar it-Tassonomija tal-UE se jtejjeb il-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli u se jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-**kundizzjonijiet ta' finanzjament** saru aktar stretti b'mod sinifikanti fl-2023, u b'hekk inħoloq ambjent ta' investiment aktar diffiċli. Ir-rati tal-imgħax fiż-żona tal-euro żdiedu drastikament, filwaqt li l-istandards tas-self għal self jew linji ta' kreditu ġodda saru aktar stretti u ddevjati fiż-żona tal-euro kollha[32]. Il-BEI[33] jirrapporta d-disponibbiltà ta' finanzjament bħala impediment għall-investiment għal 44 % tan-negozji tal-UE.

Id-daqs u l-profondità kurrenti tas-**swieq kapitali tal-UE** mhumiex biżżejjed biex jappoġġaw it-tkabbir futur tal-UE. CMU aktar profond se jgħin biex tiġi mmobilizzata aktar kapaċità ta' ffrankar u investiment biex tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali, jitnaqqsu l-kostijiet tas-self u jiġu ffaċilitati l-investimenti fis-Suq Uniku, li kollha huma indispensabbli għal tranżizzjoni doppja b'suċċess.

Id-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju (b'mod partikolari għaż-żieda fin-negozji) għadha mrażżna. Il-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-ishma tal-UE, f'perċentwal tal-PDG, hija **inqas minn nofs** dik tal-Istati Uniti (minkejja ffrankar akbar fl-UE) u aktar baxxa minn dak tal-Ġappun, taċ-Ċina jew tar-Renju Unit. L-investiment fl-ekwità privata u fil-kapital ta' riskju f'ditti tat-teknoloġija diġitali u ekoloġika żdied b'mod kostanti mill-2016[34]. Il-**kapital ta' riskju** kien 0,09 % tal-PDG fl-2022 (ara l-KPI 4), id-doppju tal-livell tal-2018 (0,04 %), iżda inqas sena wara sena u għadu frazzjoni tal-livell fl-Istati Uniti (0,75 %) u fiċ-Ċina (0,58 %).

L-għadd ta' **negozji tal-UE li qed jespandu** huwa ta' 38 % meta mqabbel ma' dawk fl-Istati Uniti, għalkemm dan id-distakk qed jonqos. Biex ikompli jtejjeb is-sitwazzjoni, il-grupp tal-BEI u ħames Stati Membri nedew l-Inizjattiva Ewropea taċ-Champions tat-Teknoloġija (ETCI)[35], struttura ta' fondi li tagħmel investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju fuq skala kbira għall-kumpaniji innovattivi tal-UE. Din l-azzjoni tikkomplementa l-opportunitajiet ta' finanzjament li oriġinaw minn InvestEU għal maniġers ta' fondi tal-VC fi stadju aktar tard bħall-Azzjoni ta' Espansjoni tal-UE għall-Kapital ta' Riskju, l-inizjattiva tal-fond tal-EUIPO.

[32] Ara pereżempju r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, COM(2023) 903 final.

[33] Stħarriġ tal-BEI dwar l-investiment għall-2023: Ħarsa ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

[34] European Monitor of Industrial Ecosystems (EMI) SWD(2024) 77.

[35] Fit-13 ta' Frar 2023, inizjalment mill-Grupp tal-BEI b'kontribuzzjonijiet mill-Ġermanja, minn Franza, minn Spanja, mill-Italja, u mill-Belġju.

Swieq kapitali aktar profondi u aktar integrati huma kruċjali biex jiffinanzjaw il-kumpaniji tal-UE u jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u sostenibbli. L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-2020 se jkollha impatt pożittiv fuq it-tkabbir tas-swieq kapitali tal-UE, ittejjeb l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq għall-kumpaniji tal-UE u tagħmilha aktar faċli u aktar attraenti li jsir investiment f'kumpaniji tal-UE.

Huwa vitali għall-Istati Membri, għall-partijiet ikkonċernati privati u għall-istituzzjonijiet tal-UE li jkomplu jaħdmu flimkien fuq is-CMU, inkluż billi jiżguraw aggregazzjonijiet akbar ta' kapital privat, bħall-fondi tal-pensjonijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu aktar sforzi biex jiżdied l-aċċess dirett tal-korporattivi u ta' oħrajn għas-swieq kapitali, tiġi ffaċilitata l-provvista fl-UE ta' kapital ta' riskju, jiġu appoġġati n-negozji ġodda u jippermettu l-espansjoni tal-kumpaniji fl-Ewropa.

## 3. L-investiment pubbliku u l-infrastruttura

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti |
|---|---|---|---|
| KPI 5: Investiment pubbliku bħala sehem tal-PDG | L-investiment pubbliku għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp u fiż-żamma ta' infrastrutturi ta' appoġġ għan-negozju bħall-enerġija, it-trasport jew il-konnettività diġitali. | Żieda | 3,2 % (2022)<br>3,2 % (2021) |

**L-investiment pubbliku rkupra mil-livelli baxxi ta' wara l-kriżi finanzjarja. Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u programmi oħra għenu fil-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali filwaqt li żammew kundizzjonijiet ekwi u ppromwovew il-konverġenza fis-Suq Uniku kollu. Madankollu, iż-żieda u l-investiment pubbliku aktar strateġiku, inkluż permezz ta' strumenti aktar innovattivi li jgħinu fit-tneħħija tar-riskju mill-investimenti privati, huma meħtieġa biex jiġi ingranat il-finanzjament privat u biex jitwasslu l-EUR 650 biljun[37] meħtieġa kull sena għat-tranżizzjoni doppja u għar-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa.**

L-investimenti pubbliċi, bi 3,3 % tal-PDG, huma ftit aktar minn dawk fir-Renju Unit (3,3 %) u kemxejn inqas minn dawk fl-Istati Uniti (3,6 %). Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet ta' investiment għat-tranżizzjoni doppja se jiġu ffinanzjati minn fondi privati, ir-rwol tal-investimenti pubbliċi jibqa' ċentrali, pereżempju bl-użu mmirat ta' prodotti finanzjarji u t-taħlit ta' sorsi finanzjarji biex jiġu kkatalizzati l-investimenti privati u jitneħħulhom ir-riskji, jiġu sfruttati l-investimenti fl-infrastruttura kif ukoll biex jiġu appoġġati proġetti f'oqsma ta' interessi tas-sigurtà ekonomika fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' investimenti privati. Il-finanzjament tal-UE jibqa' meħtieġ biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament filwaqt li tiġi evitata l-

[36] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.
[37] Il-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali ġenerali biex jintlaħqu l-objettivi tat-tranżizzjonijiet doppji ġew stmati għal madwar EUR 650 biljun fis-sena mill-2022 sal-2030. https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/strategic-planning/strategic-foresight/2022-strategic-foresight-report_mt#:~:text=It%20is%20estimated%2C%20at%20lower,regions%20in%20Europe%20and%20beyond. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_23_3194

frammentazzjoni tas-Suq Uniku minħabba livelli differenti ta' appoġġ nazzjonali (temporanju) għall-għajnuna mill-Istat, u biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali.

*Illustrazzjoni 2: Investiment pubbliku*




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-*data* makroekonomika annwali (AMECO)

Mill-2021, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ħallset aktar minn EUR 222 biljun, u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni żborżaw EUR 192 biljun fil-perjodu 2021 - 2024[38]. InvestEU pprovda EUR 13,44-il biljun f'garanziji tal-UE u Orizzont Ewropa mmobilizza aktar minn EUR 24 biljun għax-xjenza u għall-innovazzjoni.

Strumenti aktar immirati għandhom ukoll rwol essenzjali għas-setturi ewlenin permezz ta' taħlita ta' azzjoni regolatorja u, meta disponibbli, l-użu ta' fondi tal-UE jew nazzjonali. L-**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**[39], l-**Att dwar iċ-Ċipep** u l-**Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika** jsaħħu l-kapaċità tal-manifattura domestika tal-UE u jħeġġu lin-negozji jisfruttaw il-potenzjal tas-Suq Uniku. L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep se jappoġġa, permezz ta' EUR 3,3 biljun mill-baġit tal-UE, kważi EUR 43 biljun f'investiment. Tħabbar investiment pubbliku u privat ta' kważi EUR 100 biljun tul il-Katina tal-provvista taċ-ċipep. L-alleanzi industrijali[40], bħall-Alleanza dwar il-Mediċini Kritiċi li tnediet dan l-aħħar, jiffaċilitaw kooperazzjoni aktar b'saħħitha tul il-ktajjen tal-provvista f'teknoloġiji ewlenin, li jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-UE.

---

[38] Il-Portal tad-*Data* Miftuħa għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-Kummissjoni Ewropea | *Data* | Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (europa.eu)
[39] Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (europa.eu).
[40] Alleanzi industrijali - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

L-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni (NEIA)[41] tipprovdi gwida kritika u miżuri ta' appoġġ biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi, tiġi promossa l-innovazzjoni permezz ta' ċentri ta' ttestjar u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji, akkwist innovattiv u żvilupp tat-talent.

Il-**Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni** (IPCEIs) jappoġġaw innovazzjonijiet rivoluzzjonarji jew proġetti ta' infrastruttura f'oqsma tat-teknoloġiji kritiċi. Sal-lum ġew approvati seba' IPCEIs integrati[42], għal valur ta' EUR 27,9 biljun ta' appoġġ pubbliku nazzjonali, li jiftaħ aktar minn EUR 50 biljun ta' investimenti privati.

Il-"**Fond għall-Innovazzjoni", iffinanzjat permezz tad-dħul tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet,** jappoġġa u jespandi l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti lejn maturità teknoloġika u kummerċjali sħiħa u qed isir strument pubbliku ewlieni biex tiġi varata l-istrateġija industrijali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Minħabba s-suċċess u s-sottoskrizzjoni żejda tiegħu ta' sejħiet għal proposti fuq skala kbira, il-Kummissjoni se tfittex li timmassimizza l-baġit taħt il-Fond għall-Innovazzjoni billi tanticipa l-impenn tal-fondi disponibbli.

Il-"**Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa**" (STEP)[43] se tappoġġa l-investimenti għall-iżvilupp u għall-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, fis-setturi tat-teknoloġija nadifa, tat-teknoloġija diġitali, tal-innovazzjoni fit-teknoloġija profonda, u tal-bijoteknoloġija. STEP se twassal il-finanzjament taħt programmi eżistenti u tappoġġa lill-promoturi tal-proġetti permezz ta' Portal ta' Sovranità li se jkun disponibbli daqt. Il-potenzjal ta' investiment ta' din l-inizjattiva jista' jilħaq għexieren ta' biljuni ta' euro, skont id-deċiżjonijiet ta' riprogrammazzjoni tal-Istati Membri.

Jista' jsir ukoll aktar permezz ta' **akkwist pubbliku** strateġiku, li jammonta għal madwar 14 % tal-PDG tal-UE. Bħalissa, l-aspetti ambjentali, soċjali u innovattivi mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fl-offerti pubbliċi[44]. Inizjattivi ġodda, bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[45] jintroduċu sostenibbiltà ambjentali u soċjali, kif ukoll kriterji ta' reżiljenza fl-akkwist pubbliku. Dan għandu jispira dipendenza akbar fuq aspetti mhux relatati mal-prezzijiet għall-akkwist ta' prodotti u servizzi b'mod ġenerali.

> L-approfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku għandu jkun akkumpanjat minn investiment pubbliku kontinwu f'oqsma prijoritarji ewlenin fl-Istati Membri kollha, inkluż fil-livell reġjonali permezz tal-Politika ta' Koeżjoni, biex jiġu żgurati tkabbir koeżiv, kompetittività u reżiljenza, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku.
>
> Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali jeżiġi kombinament strateġiku ta' għodod. Dan jeżiġi użu akbar u aktar innovattiv ta' sorsi ta' finanzjament fil-livell Ewropew, biex jiġu

[41] https://research-and-innovation.ec.europa.eu/strategy/support-policy-making/shaping-eu-research-and-innovation-policy/new-european-innovation-agenda_en
[42] Tnejn fil-batteriji, tnejn fis-semikondutturi, tnejn fl-ekosistemi tal-idroġenu u wieħed fit-teknoloġiji tal-cloud u tal-edge computing. Ara wkoll l-Anness 2 f'SWD(2024) 78.
[43] COM(2023) 335 final.
[44] https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2023-28. Il-gwida tal-2021 "Xiri Soċjali" maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea tista' tappoġġa lill-amministrazzjonijiet pubbliċi li jimplimentaw tali kriterji, https://ec.europa.eu/docsroom/documents/45767
[45] https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/sustainability/net-zero-industry-act_en.

kkatalizzati l-investimenti privati u jitneħħulhom ir-riskji. L-akkwist pubbliku għandu jintuża biex jinkoraġġixxi u jippremja s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni, u prattiki soċjalment responsabbli.

## 4. Riċerka u Innovazzjoni

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti |
|---|---|---|---|
| KPI 6: In-nefqa fuq ir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG | In-nefqa totali fuq ir-R&Ż (pubblika u privata). | >3 % wara l-2030 | 2,2 % (2021) 2,3 % (2020) |
| KPI 7: L-għadd ta' applikazzjonijiet għal privattivi għal kull miljun abitant | Il-privattivi jirriflettu l-kapaċità ta' ekonomija li tisfrutta l-għarfien u jindikaw il-vantaġġ tal-kompetittività li jista' jinkiseb permezz tal-innovazzjoni. | Żieda | EPO-EU: 151,1 (2022) 151,75 (2021) |

**L-Ewropa hija mutur xjentifiku li tipproduċi kwint mill-aktar 10 % tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi ċitati. Madankollu, dan mhux dejjem jissarraf fi tmexxija fil-qasam tal-kummerċ(ara l-KPI 7), spiss minħabba d-diffikultajiet ta' skalar tal-attivitajiet kummerċjali fl-UE. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Ewropa mil-laboratorju għall-manifattura, bħal ma qed isir għas-semikondutturi permezz tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, l-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-għoti ta' appoġġ permezz ta' Orizzont Ewropa jew il-Programm Ewropa Diġitali.**

L-innovazzjoni hija fil-qalba ta' ekonomija b'saħħitha u kompetittiva u t-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni għall-2023[47] tenfasizza titjib fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-UE madwar l-Ewropa kollha.

L-**investimenti fir-R&I** tal-UE żdiedu minn 1,8 % tal-PDG għal 2,2 % f'għoxrin sena (ara l-KPI 6) iżda niżlu sena wara sena u għadhom taħt il-mira ta' 3 %,[48] u tqassmu b'mod mhux uniformi bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri. L-investimenti fir-R&I għadhom taħt dawk fl-Istati Uniti (3,4 % tal-PDG)[49] u fiċ-Ċina (2,4 %), speċjalment minħabba d-distakk fir-R&I fis-settur tan-negozju[50] u l-investiment pubbliku staġnat fir-R&Ż. Barra minn hekk, l-effiċjenza u l-impatt ta'

[46] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

[47] https://op.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/04797497-25de-11ee-a2d3-01aa75ed71a1

[48] Long-term competitiveness of the EU looking beyond 2030 | il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

[49] L-infiq totali fuq ir-R&Ż (bħala perċentwal tal-PDG) u l-applikazzjonijiet totali għall-privattivi (il-PCT, għal kull miljun abitant) it-tnejn kienu madwar 25 %-40 % taħt l-Istati Uniti f'dawn l-aħħar deċennji

[50] Waħda mir-raġunijiet għar-rata aktar baxxa ta' investiment fir-R&Ż tas-settur tan-negozju tal-UE meta mqabbla ma' dik tal-Istati Uniti hija minħabba differenzi strutturali fil-profil tas-settur tal-investiment fin-negozju tar-R&Ż. Kemm l-Istati Uniti kif ukoll iċ-Ċina juru investiment partikolarment kbir fir-R&Ż f'oqsma ta' tkabbir kbir bħall-IT/ICT u servizzi relatati u f'oqsma relatati mas-saħħa (b'mod partikolari l-Istati Uniti). B'paragun ma' dan, l-UE hija minn ta' quddiem nett fl-investimenti fir-R&Ż tas-settur awtomobilistiku u għandha portafoll industrijali usa' li jinvesti fir-R&Ż, inkluż fl-industriji li qed jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji ekoloġiċi, għad-dekarbonizzazzjoni kif ukoll l-ekonomija ċirkolari. Għal aktar dettalji, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Investiment fir-R&Ż Industrijali tal-UE għall-2023, il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023,
https://data.europa.eu/doi/10.2760/506189.

dawn l-investimenti huma mxekkla minn sfidi strutturali persistenti f'diversi sistemi tar-R&I, bħal rabtiet dgħajfa bejn ix-xjenza u n-negozju.

L-UE hija minn ta' quddiem fid-dinja fl-**iżvilupp ta' teknoloġiji** li jikkombinaw innovazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, b'sehem kbir mill-attivitajiet ta' ħruġ ta' privattivi tal-UE kkonċentrati fit-teknoloġija tat-tibdil fil-klima[51]. Fil-qasam diġitali biss, is-sehem tal-UE kien ta' 20 % fl-2020, simili għal dak tal-Istati Uniti.

Biex jgħin ħalli jitnaqqas id-distakk tas-suq tal-Ewropa fil-finanzjament għall-espansjoni, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), jikkombina għotjiet u ekwità biex jappoġġa negozji ġodda u negozji li qed jespandu promettenti ta' teknoloġija profonda. Diġà ġew approvati aktar minn EUR 1 biljun ta' investimenti fi kważi 200 negozju fuq skala ta' teknoloġija profonda. Barra minn hekk, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għen biex jiġu mmobilizzati EUR 7,3 biljun addizzjonali ta' investiment privat f'negozji ġodda f'setturi strateġiċi bħall-batteriji, l-idroġenu jew is-saħħa.

Taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri qed jimmobilizzaw aktar minn EUR 47 biljun f'investimenti fir-R&I u se jintroduċu riformi fis-sistemi tar-R&I tagħhom flimkien ma' EUR 35 biljun taħt il-Politika ta' Koeżjoni.

Minkejja dan kollu, it-tkabbir totali tal-produttività tal-fatturi fl-UE kien inqas minn nofs dak fl-Istati Uniti matul l-aħħar 30 sena. Dan jitlob aktar enfasi fuq it-teknoloġiji strateġiċi (eż. teknoloġiji nodfa, sostituzzjonijiet kritiċi tal-materja prima, teknoloġiji diġitali, materjali avvanzati, teknoloġiji ta' produzzjoni avvanzati u nodfa) inklużi dawk b'potenzjal ta' użu doppju.

> Minbarra ż-żieda fl-investimenti tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni, huma meħtieġa passi biex l-isforzi ta' riċerka jingħataw aktar prijorità fejn jidħlu l-ħtiġijiet tal-kompetittività fit-tul tal-UE u tissaħħaħ it-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka f'applikazzjonijiet prattiċi tan-negozju.
>
> Huma meħtieġa riformi biex jiġu modernizzati s-sistemi tar-R&I biex jiżdied l-impatt tal-investimenti fir-R&I. Pereżempju, it-tisħiħ tar-rabtiet bejn in-negozji u l-entitajiet ta' riċerka u t-titjib tal-istrutturi ta' appoġġ għall-adozzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni mill-industrija, jistgħu jkunu argument għall-vijabbiltà attraenti.
>
> Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa u timplimenta politiki li għandhom l-għan li jippromwovu n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu innovattivi ta' teknoloġija profonda u ta' teknoloġija ekoloġika, inkluż billi tibni l-kapaċitajiet tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

## 5. Enerġija

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur |
|---|---|---|---|

[51] EIB Investment Survey 2023: European Union overview.

[52] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 77-78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

| | | | |
|---|---|---|---|
| KPI 8: Sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli | Il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (kif proposta għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli). | 45 % fl-2030 | 23,02 (2022)<br>21,77 % (2021) |
| KPI 9: Prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux ta' unitajiet domestiċi | Il-prezz tal-elettriku għall-konsumaturi industrijali jagħti indikazzjoni tajba tal-affordabbiltà tal-enerġija. | Tnaqqis u mbagħad kostanti | Faxxa IC tal-UE:[53]<br>EUR 0,21 għal kull kWh (Semestru 1 2023)<br>EUR 0,18 għal kull kWh (Semestru 1 2022) |

**L-UE hija minn ta' quddiem nett fit-tranżizzjoni globali għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata. Fl-2022, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kienu 32,5 %[54] inqas milli fl-1990, filwaqt li l-PDG tal-UE żdied b'67 %. Fl-istess ħin, il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna qanqlet kriżi tal-enerġija li taffettwa b'mod sinifikanti lill-unitajiet domestiċi u lill-kompetittività tal-industrija Ewropea. Għalkemm il-prezzijiet tal-enerġija issa naqsu, dawn għadhom ferm ogħla mix-xejriet preċedenti fit-tul, u persistentement ogħla milli f'reġjuni kompetituri. Swieq interni tal-enerġija aktar interkonnessi u integrati se jgħinu biex jiġi żgurat aċċess għal enerġija affordabbli, abbundanti, affidabbli u dekarbonizzata.**

Bejn l-2010 u l-2021, l-**emissjonijiet** mill-ekosistemi industrijali tal-UE naqsu b'mod ġenerali bi 3 %. Matul l-istess perjodu, l-emissjonijiet mis-settur tal-provvista tal-enerġija naqsu b'35 %[55].

**Il- prezzijiet tal-elettriku tal-UE** għall-industriji ta' daqs kbir kienu kemxejn aktar baxxi milli fil-Ġappun u fir-Renju Unit sal-2021, għalkemm id-doppju ta' dawk fl-Istati Uniti. Mill-2021, u lil hinn mix-xokk ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, id-differenza fil-prezzijiet mal-Istati Uniti żdiedet, għad-detriment tal-kompetittività tal-UE[56].

Ir-riforma tad-**disinn tas-suq tal-elettriku tal-UE**[57] hija mistennija tħaffef il-varar tal-enerġija nadifa billi tiffaċilita l-kuntratti fit-tul li jipprovdu kemm il-prevedibbiltà tal-prezzijiet kif ukoll iċ-ċertezza tal-investiment, u b'hekk tgħin biex jitrażżnu l-kostijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq terminu medju. In-nefqa tal-SMEs fit-**teknoloġiji tal-iffrankar tal-enerġija** ilha tiżdied matul l-aħħar 5 snin fl-ekosistemi industrijali kollha, b'mod partikolari fis-settur agroalimentari, tat-tessuti, tat-turiżmu u tal-ajruspazju u d-difiża[34]. It-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura, bħar-robotika industrijali u l-manifattura addittiva, jistgħu jgħinu aktar biex jinkiseb l-iffrankar.

L-UE se jkollha bżonn telettriċizza bil-kbir id-domanda tagħha għall-enerġija. Dan jeżiġi investimenti kbar f'teknoloġiji dekarbonizzati. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli intra-UE żdiedu bi 18,7 % fis-sena mill-2015 sal-2022 u laħqu EUR 38 biljun fis-sena. Il-fluss ta' ħruġ saħansitra akbar (EUR 92 biljun) ta' Investiment Dirett Barrani jikkonferma t-tmexxija tal-industrija tal-UE f'dan il-qasam[34]. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Komunikazzjoni dwar il-mira

[53] Il-faxxa tal-konsum IC tirreferi għal konsumaturi ta' daqs medju b'konsum annwali bejn 500 MWh u 2000 MWh u tipprevedi indikatur dwar l-affordabbiltà.
[54] Ir-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2023, COM(2023) 650 final.
[55] Eurostat, Kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja, gassijiet serra skont l-attività tan-NACE Rev. 2, *data* trimestrali.
[56] Ara pereżempju l-Perspettiva Ekonomika tal-Ħarifa tal-2023 ta' Orgalim.
[57] Riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-UE (europa.eu)

klimatika tal-Ewropa għall-2040 turi li l-enerġija rinnovabbli fil-maġġoranza tagħha, ikkomplementata mill-enerġija nukleari, se tiġġenera aktar minn 90 % tal-konsum tal-elettriku fl-UE fl-2040[58]. Il-Kummissjoni nediet ukoll l-Alleanza Industrijali Ewropea dwar Reatturi Modulari Żgħar.

Se jkun essenzjali wkoll li jiġu konnessi ċentri ġodda ta' produzzjoni ta' enerġija dekarbonizzata ma' ċentri ġodda ta' konsum. Il-pjan ta' azzjoni Ewropew dwar il-grilji huwa l-ewwel pass li jistabbilixxi diversi azzjonijiet biex jitħaffef il-**varar tal-grilji** u l-integrazzjoni aktar rapida tal-enerġija rinnovabbli[59]. Dan għandu jkun il-bażi għal azzjonijiet komprensivi futuri biex jitħaffef l-iżvilupp tal-infrastruttura integrata Ewropea tal-enerġija. Id-diġitalizzazzjoni tinsab ukoll fil-qalba tas-sistema l-ġdida tal-grilja[60]. Id-diġitalizzazzjoni, l-aċċess għad-*data* u l-awtomatizzazzjoni huma meħtieġa biex jiġu integrati s-sorsi kollha (ġodda) tal-enerġija u tiġi stabbilizzata s-sistema.

Lil hinn mill-varar, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se jsaħħaħ il-**manifattura ta' teknoloġiji li huma żero netti** fl-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija mir-Riħ jistabbilixxi rakkomandazzjonijiet u impenji biex tiġi appoġġata l-kapaċità tal-manifattura tal-enerġija eolika fl-Ewropa[61].

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-REPowerEU għandhom ukoll rwol ewlieni fir-rigward tat-titjib tar-reżiljenza, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà tass sistema tal-enerġija tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija u n-networks rinnovabbli, filwaqt li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.

[58] Barra minn hekk, l-alleanza tal-Istati Membri għall-enerġija nukleari ħabbret l-intenzjoni li sal-2050 tintlaħaq il-kapaċità ta' 150 GW ta' enerġija nukleari.
[59] COM(2023)757.
[60] COM(2022)552.
[61] COM(2023)669.

Matul dawn l-aħħar 5 snin, l-UE aġġornat bil-kbir is-sett ta' għodod tal-politika tal-enerġija tagħha biex tilħaq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż f'termini tal-pjan industrijali tagħha.

Iżda se jkun meħtieġ aktar biex jiġi ffaċilitat il-varar ta' elettriku dekarbonizzat, l-integrazzjoni tiegħu fil-grilji tal-enerġija u ż-żieda fil-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Dan kollu huwa indispensabbli biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija, tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa.

L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal dawn l-oqsma pereżempju permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar il-Grilja u l-Enerġija mir-Riħ, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-ħidma tal-SMET dwar il-ħruġ tal-permessi u l-implimentazzjoni rapida tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-inizjattiva STEP biex jużaw il-potenzjal tal-istrumenti kollha tal-UE, inklużi l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, u jappoġġaw l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji strateġiċi ewlenin tal-enerġija nadifa.

## 6. Ċirkolarità

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti |
|---|---|---|---|
| KPI 10: Rata tal-użu ta' materjal ċirkolari | Ir-rata tal-użu ta' materjal ċirkolari tkejjel is-sehem tal-materjal irkuprat u li ddaħħal lura fl-ekonomija fl-użu ġenerali tal-materjali. Mira stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Irduppjar meta mqabbel mal-2020. | 23,4 % sal-2030 | 11,5 % (2022)<br>11,7 % (2021) |

**L-Ewropa qed timxi bil-mod lejn ekonomija aktar ċirkolari. Mis-sena 2000, il-produttività tar-riżorsi tal-industrija tal-UE[63] żdiedet b'37 %, u dan jindika użu aktar effiċjenti tal-materjali fil-produzzjoni tal-UE, iżda l-impronta tal-materjali tal-UE[64] baqgħet stabbli fl-aħħar 10 snin[65]. Il-leġiżlazzjoni miftiehma dan l-aħħar, ladarba tiġi implimentata, se ttejjeb l-argument għall-vijabbiltà għaċ-ċirkolarità.**

Aktar ċirkolarità fl-ekonomija tfisser konsum aktar baxx ta' materjali primarji, inqas skart u dipendenzi iżgħar. Dan iġib miegħu wkoll potenzjal sinifikanti ta' ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, b'mod partikolari fl-ekonomija soċjali. Il-bijoekonomija għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għal aktar ċirkolarità, pereżempju fil-qasam tal-materjali tal-batteriji.

Bi 11,5 %, ir-rata tal-użu tal-materja prima sekondarja fl-2022 hija inqas minn nofs il-mira miftiehma għall-2030, li turi potenzjal sinifikanti mhux sfruttat (ara l-Illustrazzjoni 3 u l-KPI 10). Fl-istess ħin, il-produttività tar-riżorsi tal-industrija tal-UE żdiedet b'37 %[66] f'għoxrin sena, u issa hija komparabbli ma' dik tal-Istati Uniti u tliet darbiet ogħla minn dik taċ-Ċina.

[62] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.
[63] Din hija r-relazzjoni bejn id-daqs tal-ekonomija domestika u l-użu tar-riżorsi naturali domestiċi.
[64] Dan huwa l-ammont totali ta' materja prima kkunsmata mir-residenti: jinkludi l-materjali użati fil-produzzjoni tal-UE, iż-żieda ta' materjali inkorporati fl-importazzjonijiet u t-tnaqqis ta' materjali inkorporati fl-esportazzjonijiet.
[65] Europe's material footprint (europa.eu).
[66] Eurostat: Material flow accounts and resource productivity – Statistic Explained (europa.eu).

Il-**konsum mhux sostenibbli** u l-produzzjoni relatata huma ostakli ewlenin għaċ-ċirkolarità[67]. 20 % biss tal-SMEs jużaw materjali riċiklati u 11 % biss jadottaw mudelli tan-negozju għall-materjali ċirkolari[68].

Leġiżlazzjoni adottata jew miftiehma politikament dan l-aħħar toħloq **argument għall-vijabbiltà b'saħħtu għal aktar ċirkolarità** fl-UE. Upstream, l-**Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika** jipprevedi li l-kapaċità ta' riċiklaġġ tal-Unjoni għandha tkopri 25 % tal-konsum annwali tal-Unjoni ta' materja prima strateġika sal-2030. Fil-livell tal-prodotti, ir-**Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli** se jippermetti li jitfasslu kriterji speċifiċi ta' ċirkolarità għall-kategoriji ta' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE[69]. Dan se jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku minħabba regoli nazzjonali diverġenti dwar is-sostenibbiltà tal-prodott. Il-passaport diġitali tal-prodotti se jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista. Is-sorveljanza tas-suq se tissaħħaħ biex jiġi indirizzat id-defiċit ta' infurzar tar-rekwiżiti applikabbli tal-ekodisinn, b'mod partikolari minn prodotti importati. Diġà issa, il-**qafas regolatorju tal-UE għall-batteriji**[70] jikkontribwixxi għal ktajjen ta' valur ċirkolari għall-produzzjoni tal-batteriji. B'mod parallel, għad iridu jiġu indirizzati xi ostakli biex jiffavorixxu aktar ċirkolarità, pereżempju fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskart. Fil-livell tal-konsumatur, id-Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-Direttiva dwar l-asserzjonijiet ekoloġiċi jgħinu lill-konsumaturi jidentifikaw prodotti affidabbli u sostenibbli.

Illustrazzjoni 3: Rata tal-użu ta' materjal ċirkolari (użu ta' materjali sekondarji bħala % tal-użu ġenerali tal-materjal)




Sors: Eurostat

[67] Conditions and pathways for sustainable and circular consumption in Europe — l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu).
[68] Ara l-istħarriġ dwar l-ekosistemi industrijali fl-Anness 6.
[69] Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (COM/2022/142).
[70] Ir-Regolament (UE) 2023/1542.

Il-leġiżlazzjoni adottata dan l-aħħar se żżid iċ-ċirkolarità fl-UE. Iżda biex tiġi żgurata l-effettività tagħha, l-Istati Membri jeħtieġ li jaħdmu biex isaħħu s-sorveljanza tas-suq tar-rekwiżiti regolatorji tal-prodotti marbuta maċ-ċirkolarità. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jippromwovu l-konsum sostenibbli tal-materjal billi jappoġġaw l-użu industrijali ta' materjali sekondarji (simbjożi industrijali fost in-negozji) u l-pjattaformi għall-ekonomija kollaborattiva fejn il-provvista u d-domanda ta' skart riċiklabbli/li jista' jerġa' jintuża setgħu jikkonverġu. Barra minn hekk, huwa importanti li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata billi tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jittejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol u din tiġi mħarrġa mill-ġdid, u jiġi mmirat l-użu ta' strumenti ta' finanzjament.

## 7. Diġitalizzazzjoni

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti |
|---|---|---|---|
| KPI 11: L-intensità diġitali tal-SMEs | Sehem tal-intrapriżi tal-UE b'mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali. Livell bażiku jinvolvi l-użu ta' mill-inqas erbgħa minn tnax-il teknoloġija diġitali magħżula (bħall-użu ta' kwalunkwe teknoloġija tal-IA; il-bejgħ mill-kummerċ elettroniku jammonta għal mill-inqas 1 % tal-fatturat totali; eċċ.) kif definit fil-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali. | 90 % sal-2030 | 69,30 % (2022)<br>61,36 % (2021) |
| KPI 12: Adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-kumpaniji | Sehem tal-intrapriżi Ewropej li għamlu użu mis-servizzi tal-cloud computing, tal-big *data* u tal-Intelliġenza Artifiċjali. Mira stabbilita fil-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali. | 75 % sal-2030 | Servizzi tal-cloud computing: 34 % (2021)<br>Big *data*: 14 % (2020)<br>Intelliġenza Artifiċjali 8 % (2021) |

**It-tnedija u l-użu tat-teknoloġiji diġitali u d-diġitalizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija huma motivaturi essenzjali għall-kompetittività u għas-sovranità. Issa huma stabbiliti diversi strumenti ta' finanzjament u inizjattivi leġiżlattivi biex itejbu d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-kompetittività tas-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-UE. Il-kontinwazzjoni u t-titjib tal-isforzi kollettivi se jkunu meħtieġa biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali, biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-investiment u biex jissaħħu l-kapaċitajiet diġitali f'konformità mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.**

Minkejja l-punti b'saħħithom tal-UE f'oqsma speċifiċi tat-teknoloġija diġitali, bħat-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura u t-tagħmir tal-manifattura tas-semikondutturi, is-sehem tal-UE fis-suq globali tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) naqas drastikament fl-aħħar deċennju, minn 21,8 % (2013) għal 11,3 % (2022), filwaqt li s-sehem tal-Istati Uniti żdied minn 26,8 % għal 36 %[72].

Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali [73] huwa sistema ta' governanza kollaborattiva bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali biex jappoġġa l-ilħuq ta' objettivi u miri konkreti għall-2030. Dawn jiffokaw fuq erba' oqsma: il-ħiliet diġitali; l-infrastruttura diġitali; id-

[71] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.
[72] ICT global market share worldwide 2023 | Statista.
[73] Id-Deċiżjoni (UE) Nru 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022.

diġitalizzazzjoni tan-negozji, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji avvanzati bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA), is-servizzi tal-cloud u l-analitika tal-Big *Data*; u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. L-ewwel rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali[74] jenfasizza l-**ħtieġa li jiġu aċċellerati u msaħħa l-isforzi kollettivi** biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tagħna fil-qasam tas-semikondutturi, il-ħiliet diġitali avvanzati u biex titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji Ewropej.

Diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE jsostnu t-tisħiħ tal-**kapaċitajiet diġitali, tal-infrastruttura u tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali**. Pereżempju, DIGITAL ikkontribwixxa (ma' Orizzont Ewropa) biex l-UE ssir mexxejja ta' livell dinji fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u jipprovdi finanzjament strateġiku biex jappoġġa proġetti fl-intelliġenza artifiċjali, fil-ħiliet diġitali avvanzati, fiċ-ċibersigurtà u għat-tnedija ta' soluzzjonijiet diġitali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għan-negozji.

It-tfaċċar fixkiel tal-IA ġenerattiva joħloq opportunità unika f'suq li huwa mistenni li jikber aktar minn 24,4 % fis-sena mill-2023 sal-2030[75]. Biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fil-qasam tal-IA, l-Att dwar l-IA jipprovdi qafas legali stabbli, prevedibbli u proporzjonat għall-iżviluppaturi tal-IA, filwaqt li jrawwem il-fiduċja fost iċ-ċittadini u n-negozji fl-applikazzjonijiet tal-IA u b'hekk jagħti spinta lill-adozzjoni tagħhom fl-UE.

Barra minn hekk, filwaqt li jikkomplementa l-qafas regolatorju, il-pakkett dwar in-Negozji Ġodda u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-IA[76], se jagħmel lill-Ewropa mutur innovattiv għal IA affidabbli. Filwaqt li jibni fuq l-infrastruttura tal-computing ta' prestazzjoni għolja tal-Ewropa (EuroHPC), dan joħloq "fabbriki tal-IA" li jiġbru flimkien l-ingredjenti ewlenin tal-IA – id-*data*, il-computing, l-algoritmi, u t-talent – u jservu bħala punt uniku ta' servizz għan-negozji ġodda fil-qasam tal-IA biex iħarrġu u jiżviluppaw mudelli kbar tal-IA. Barra minn hekk, dan jgħaqqad in-negozji ġodda u r-riċerkaturi fil-qasam tal-IA mal-utenti industrijali, u jagħti spinta lill-applikazzjonijiet innovattivi ta' IA ġenerattiva fl-14-il ekosistema industrijali tal-Ewropa.

Miżuri oħra ta' politika tal-UE diġà bdew **jibnu kapaċità domestika** għal teknoloġiji diġitali trażversali oħra u ffukaw fuq it-tnaqqis tad-**dipendenzi strateġiċi** li jikkonċernaw iċ-ċipep u s-servizzi tal-cloud[77]. L-**Att dwar iċ-Ċipep** se jżid il-kapaċità tal-manifattura tal-UE[78], bl-għan li jiġi żgurat li mill-inqas 20 % tal-produzzjoni dinjija fil-valur ta' semikondutturi avvanzati jiġu prodotti fl-Ewropa sal-2030. L-**IPCEIs dwar il-mikroelettronika u dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss** jimmobilizzaw kumpaniji kbar u negozji ġodda

[74] https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/2023-report-state-digital-decade. Huwa qafas komprensiv li jiggwida u jikkoordina l-azzjonijiet kollha relatati mal-aspett diġitali b'approċċ ta' politika industrijali. B'mod partikolari, jistabbilixxi u jimmonitorja l-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali, bħala għanijiet li jistgħu jitkejlu għall-konnettività, għall-ħiliet diġitali, għan-negozju diġitali u għas-servizzi pubbliċi diġitali.
[75] Association for Computing Machinery, TechBriefs, sajf 2023/ ħarġa 8 -3626110 (acm.org).
[76] Il-Kummissjoni tniedi pakkett ta' innovazzjoni tal-IA biex tappoġġa lin-negozji ġodda u lill-SMEs tal-Intelliġenza Artifiċjali | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (europa.eu).
[77] SWD(2021)352 Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi, li jakkumpanja l-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020 Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa.
[78] Diġà huwa ppjanat li jinfetħu 14-il faċilità u li dawn jsiru operazzjonali sal-2030.

biex jinvestu f'kapaċitajiet industrijali kbar u innovattivi[79] u biex jiżviluppaw ekosistema Ewropea tal-ipproċessar tad-*data* interoperabbli u aċċessibbli b'mod miftuħ,

L-**adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali mill-kumpaniji tal-UE** tista' żżid b'mod sostanzjali l-produttività tax-xogħol fl-ekonomija kollha. Fl-2022, 69 % tal-SMEs tal-UE kellhom mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali, meta mqabbla mal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-2030 ta' 90 % (ara l-KPI 11). Is-sehem tal-intrapriżi tal-UE b'10 impjegati jew aktar li adottaw it-teknoloġiji diġitali kien ta' 14 % għall-Big *Data* fl-2020, 34 % għall-Cloud u 8 % għall-IA fl-2021, meta mqabbel mal-mira tal-2030 li 75 % tal-kumpaniji jużaw mill-inqas waħda minn dawn it-teknoloġiji (ara l-KPI 12). In-negozji ġodda tat-teknoloġija diġitali huma attivi ħafna fil-biċċa l-kbira tal-ekosistemi industrijali, bis-saħħa, il-mobbiltà, u l-industriji kulturali u kreattivi li jattiraw l-akbar sehem[34]. Ħafna minn dawn in-negozji ġodda joffru soluzzjonijiet diġitali bażiċi bħal swieq online jew servizzi tas-software, li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekosistemi.

Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs, u s-servizzi pubbliċi qed timxi 'l quddiem iżda f'xi oqsma għadha ferm taħt il-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali tal-2030. L-UE u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw bis-sħiħ il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali biex jindirizzaw dan.

L-UE diġà ħadet diversi miżuri ta' politika biex tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi u tippromwovi l-kompetittività billi żżid l-investimenti f'teknoloġiji strateġiċi, bħas-semikondutturi, is-servizzi tal-cloud, l-IA u l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. Sabiex ikunu aktar effettivi, dawn il-politiki jeżiġu li l-Istati Membri jallinjaw l-istrateġiji biex jibnu l-kapaċità industrijali fl-oqsma rilevanti.

## 8. Edukazzjoni u ħiliet

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti |
|---|---|---|---|
| KPI 13: Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ kull sena (medja ta' nisa u rġiel) | Parteċipazzjoni akbar fit-taħriġ se tindika progress tajjeb fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-kompetittività sostenibbli (mira stabbilita fil-Miri tas-Summit ta' Porto, il-Pilastru Soċjali). | 60 % sal-2030 | 37,4 % (2016)<br>Abbażi tal-istħarriġ dwar l-edukazzjoni għall-adulti, li twettaq fil-passat darba kull 6 snin. |
| KPI 14: Rata ta' impjieg għall-adulti | Rata akbar ta' impjieg tikkontribwixxi għall-kompetittività soċjalment sostenibbli (il-mira stabbilita fil-Miri tas-Summit ta' Porto, il-Pilastru Soċjali). | 78 % sal-2030 | 74,6 % (2022)<br>73 % (2021) |

[79] Inklużi l-materja prima kritika, it-tagħmir, il-pjastrini, ir-riċerka, il-preproduzzjoni u d-disinn.
[80] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

| | | | |
|---|---|---|---|
| KPI 15: Speċjalisti tal-ICT (medja ta' nisa u rġiel, % tal-impjiegi) | Dan l-indikatur, wieħed mill-miri tad-Deċennju Diġitali, ikejjel il-progress lejn forza tax-xogħol b'dimensjoni tajba speċjalizzata fl-iżvilupp u fil-varar tat-teknoloġiji diġitali. | 20 Miljun sal-2030 (jiġifieri madwar 10 % tal-impjiegi totali) | 9,4 miljun (2022)<br>8,9 miljun (2021)<br>Perċentwal tal-impjiegi totali:<br>4,6 % (2022)<br>4,5 % (2021) |
| KPI 15a Kandidat: Punteġġi medji tat-test għal dawk ta' 15-il sena (PISA) | PISA huwa l-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti. PISA jkejjel il-kapaċità ta' dawk li għandhom 15-il sena li jużaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza biex jindirizzaw l-isfidi tal-ħajja reali. | Żieda | *Matematika*:<br>474 (2022)<br>492 (2018)<br>*Qari:*<br>475 (2022)<br>488 (2018)<br>*Xjenza:*<br>484 (2022)<br>488 (2018) |

**B'74,6 % fl-2022, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tar-rata ta' impjieg għall-2030 ta' 78 %. U madankollu, tliet kwarti tal-SMEs bħalissa qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, li l-Patt għall-Ħiliet u l-miżuri li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol bdew jindirizzaw. Id-disponibbiltà ta' impjiegi ta' kwalità, l-indirizzar tad-differenzi bejn il-ġeneri u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd huma kruċjali biex jattiraw u jżommu l-forza tax-xogħol. Forza tax-xogħol b'ħiliet hija fattur ewlieni għall-kompetittività, f'kuntest ta' tibdil demografiku kontinwu[81].**

It-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali toħloq **domanda għal ħiliet ġodda**, li teżiġi titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol. Pereżempju, bejn 35 % u 45 % tal-forza tax-xogħol fis-settur tar-rinnovazzjonijiet tal-bini se jkollhom bżonn taħriġ fl-effiċjenza enerġetika[82]. Il-ħiliet fl-ICT huma mitluba ħafna, għalkemm il-ħtiġijiet speċifiċi jvarjaw sostanzjalment bejn l-ekosistemi (ara Figure 4). L-għadd ta' speċjalisti tal-ICT laħaq id-9,4 miljuni fl-2022, li jirrappreżenta 4,6 % tal-impjiegi totali u li qed jagħmel progress lejn l-għan tal-2030 ta' 20 miljun persuna (ara l-KPI 15). Min-naħa l-oħra, fl-UE madwar adult wieħed biss minn tlieta jipparteċipa f'attivitajiet ta' apprendiment kull sena (ara l-KPI 13). Barra minn hekk, il-punteġġi medji għal dawk li għandhom 15-il sena naqsu għall-UE fl-2022 meta mqabbla mal-2018 fid-dixxiplini kollha, fejn il-prestazzjoni tal-kompetituri ewlenin tal-UE hija aħjar minn tagħha. Dan jissuġġerixxi li l-Ewropa qed tiffaċċja problema f'termini ta' tagħmir għaż-żgħażagħ b'ħiliet bażiċi

[81] Komunikazzjoni dwar It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM(2023) 577 final
[82] KETU, "Skills and Quality Jobs in Construction": 230630_-_jtc_study_report_may_2023.pdf (ituc-csi.org).

Illustrazzjoni 4: % tar-reklami ta' impjiegi online li jeżiġu mill-inqas ħiliet diġitali moderati jew avvanzati, EU-27.




Sors: L-analiżi tal-Grupp Technopolis ibbażata fuq id-*data* tas-Cedefop Skillovate, għall-proġett 2023 tal-Osservatur Ewropew tal-Ekosistemi Inudstrijali (IME).

L-UE għandha għodod ta' politika biex tindirizza dawn l-isfidi[83]. Il-finanzjament tal-koeżjoni u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[84] jappoġġa l-**investimenti** nazzjonali **fil-kapital uman**. Permezz tal-**Patt għall-Ħiliet**, u permezz tas-sħubijiet speċifiċi stabbiliti f'kull waħda mill-14-il ekosistema industrijali, l-UE qed tikkontribwixxi għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid meħtieġa ta' miljuni ta' ħaddiema fl-ekosistemi industrijali. 1 500 sieħeb ekonomiku u soċjali impenjaw ruħhom li sal-2030 itejbu l-ħiliet ta' 10 miljun ħaddiema u jagħtuhom taħriġ mill-ġdid, b'aktar minn 15 000 programm ta' taħriġ diġà żviluppati. Barra minn hekk, skont l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, il-Kummissjoni qed tappoġġa t-tnedija ta' **akkademji għall-ħiliet** biex jespandu l-manifattura u l-installazzjoni ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-materja prima meħtieġa għalihom[85]. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku qed ikompli jgħin lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali biex jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-popolazzjoni u biex itejbu l-

---

[83] Pereżempju, il-Laboratorju ta' Apprendiment dwar l-Investiment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità jgħin lill-Istati Membri jidentifikaw politiki li huma partikolarment effettivi biex jagħtu spinta lill-ħiliet bażiċi u avvanzati.

[84] Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2017, l-investimenti tal-FSE+ fl-edukazzjoni u l-ħiliet għandhom jammontaw għal aktar minn EUR 42 biljun (baġit totali), b'aktar minn EUR 15-il miljun iddedikati għall-apprendiment għall-adulti. Il-pjanijiet nazzjonali għall-użu tar-riżorsi tal-FSE+ jew tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jinkludu ħafna attivitajiet biex il-forza tax-xogħol titħarreġ mill-ġdid; għal madwar nofs l-Istati Membri, dawn jinkludu wkoll azzjoni lejn skemi ta' kontijiet ta' apprendiment individwali, li jimplimentaw Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022.

[85] L-akkademji tal-ħiliet jiżviluppaw programmi ta' apprendiment offruti lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Istati Membri. Abbażi tal-mudell eżistenti fis-settur tal-batteriji, l-akkademji għandhom l-għan li jħarrġu lil 100 000 student, kull waħda minnhom, fi żmien 3 snin mill-istabbiliment tagħhom. Barra minn hekk, l-Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi se tlaqqa' flimkien inizjattivi eżistenti dwar il-ħiliet ċibernetiċi u ttejjeb il-koordinazzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jingħalaq id-distakk Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi | Pjattaforma tal-Ħiliet u tal-Impjiegi Diġitali (europa.eu).

ħiliet taż-żgħażagħ. Il-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent[86] jappoġġa lir-reġjuni tal-UE affettwati mit-tnaqqis aċċellerat tal-popolazzjoni tagħhom fl-età tax-xogħol.

Il-**mobbiltà tal-ħaddiema** fis-Suq Uniku tista' tgħin biex jittaffa n-nuqqas ta' ħiliet[87]. Madankollu, s'issa tikkonċerna relattivament ftit ħaddiema tal-UE (3,8 %[88]) u hija ħafna aktar mifruxa fost dawk b'livell għoli ta' ħiliet. 14 % biss tal-SMEs tal-UE (meta mqabbla ma' 30 % tal-kumpaniji l-kbar) ippruvaw jirreklutaw persunal minn Stati Membri oħra tal-UE[89]. Ir-rekwiżiti regolatorji jew amministrattivi ta' spiss jimpedixxu l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u hija meħtieġa simplifikazzjoni. Meta jiċċaqilqu għax-xogħol, iċ-ċittadini tal-UE jiffaċċjaw differenzi fil-prattiki ta' reġistrazzjoni mal-awtoritajiet lokali u aċċess għas-sistemi tal-IT nazzjonali[90]. Ir-rata ta' **rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali** għall-aċċess ta' professjoni regolata fi Stat Membru ieħor hija raġonevolment għolja fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, iżda f'ċerti professjonijiet u pajjiżi għad hemm rekwiżiti restrittivi tal-kwalifiki u proċeduri twal[91]. Biex tiġi ffaċilitata l-attrazzjoni tal-**ħaddiema minn pajjiżi terzi**, il-"pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħiliet u tat-talent" tal-Kummissjoni[92] jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar kif jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[93] u proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Talent tal-UE[94].

Bħala segwitu għas-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse, li sar fil-31 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, se tressaq Pjan ta' Azzjoni biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, sar-rebbiegħa tal-2024.

---

86 harnessing-talents-regions_en.pdf (europa.eu)

87 Il-Kummissjoni Ewropea (2023), L-impjiegi u l-iżviluppi Soċjali fl-Ewropa.

88 Mobilità tal-forza tax-xogħol u tlaqqigħ bejn il-fruntieri | Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu). Barra minn hekk, 17 % biss taċ-ċittadini tal-UE jidhru li qatt kienu jgħixu jew ħadmu f'pajjiż ieħor għajr tagħhom stess (ara l-Kummissjoni Ewropea (2022), l-Ewrobarometru 528 "Il-mobbiltà intra-UE wara l-pandemija").

89 Il-Kummissjoni Ewropea (2023), l-Ewrobarometru Flash 537 "SMEs u Nuqqas ta' Ħiliet".

90 Ewrobarometru Flash 529 dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet: Nuqqas ta' ħiliet, strateġiji ta' reklutaġġ u żamma f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, Rapport.

91 Aċċess għas-Servizzi u s-Swieq tas-Servizzi |Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu).

92 Komunikazzjoni dwar il-Mobilità tal-Ħiliet u t-Talenti, COM(2023) 715.

93 C(2023) 7700 final.

94 COM(2023) 716 final.

Użu aktar effettiv u mmirat tal-fondi tal-UE għall-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet fil-livell nazzjonali, pereżempju sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet taħt il-Patt għall-Ħiliet u l-akkademji b'ħiliet marbuta ma' emissjonijiet żero netti, jista' jgħin biex jinkiseb progress fl-allinjament tal-edukazzjoni u tat-taħriġ mad-domanda għall-ħiliet.

Barra minn hekk, il-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-fornituri tas-servizzi tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' rekwiżiti ta' aċċess proporzjonati għal professjonijiet regolati, rikonoxximent aktar faċli ta' kwalifiki professjonali u prattiki ta' reġistrazzjoni aktar sempliċi u diġitali għaċ-ċittadini li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor.

## 9. Kummerċ u awtonomija strateġika miftuħa

| KPI | Deskrizzjoni | Mira | L-aktar valur reċenti tal- |
|---|---|---|---|
| KPI 16: Kummerċ mal-bqija tad-dinja (bħala sehem tal-PDG) | Kummerċ mal-bqija tad-dinja (bħala sehem tal-PDG) | Żieda | 17,6 % għall-prodotti (2022)<br>14,8 % għall-prodotti (2021)<br>7,7 % għas-servizzi (2022)<br>6,9 % għas-servizzi (2021) |
| KPI 16a Kandidat: L-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi bħala sehem mill-bqija tal-importazzjonijiet dinjija | L-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi tal-UE, tar-Renju Unit, tal-Istati Uniti, tal-Ġappun u taċ-Ċina bħala ishma rispettivi tal-bqija tal-importazzjonijiet tad-dinja. | Stabbli jew żieda | 16,2 % għall-prodotti (2022)<br>16,4 % għall-prodotti (2021)<br>33,1 % għas-servizzi (2022)<br>35,2 % għas-servizzi (2021) |

**Il-kummerċ huwa kruċjali għall-kompetittività fit-tul tal-UE. Dan irawwem l-effiċjenza u l-innovazzjoni, u jiftaħ swieq għall-operaturi tal-UE. L-UE tieħu saħħa ekonomika u politika mill-pożizzjoni tagħha bħala l-akbar negozjant u investitur: hija l-akbar esportatur tad-dinja, billi jammonta għal 16 % tal-esportazzjonijiet globali. L-UE hija promotur ta' kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli u tħabrek għalih. Fl-istess ħin, riskji ġodda li jirriżultaw minn tensjonijiet ġeopolitiċi akbar, prattiki kummerċjali inġusti u dipendenzi asimetriċi wasslu lill-UE biex tieħu passi ġodda, tħeġġeġ id-diversifikazzjoni tal-provvista, billi ssaħħaħ ir-rabtiet kummerċjali u ta' investiment kif ukoll issaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura f'oqsma kritiċi. L-UE qed tuża wkoll l-għodod tagħha għad-difiża tal-kummerċ u qed iżżid mas-sett ta' għodod tagħha biex tiddefendi kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-UE.**

Il-kummerċ huwa kruċjali għall-kompetittività fit-tul tal-UE. Il-kummerċ barra mill-UE fil-prodotti u fis-servizzi ammonta għal 18 % u 8 % tal-PDG tal-UE fl-2022, rispettivament. L-UE hija l-**akbar esportatur fuq livell globali** (16 % tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi kollha, simili

[95] Id-*data* hija dik disponibbli f'Diċembru 2023. L-Anness 1 bl-isem "Overview of Key Performance Indicators (KPIs) on long-term competitiveness" f'SWD(2024) 78 jipprovdi informazzjoni dwar xejriet itwal.

għaċ-Ċina u ferm qabel l-Istati Uniti). L-UE għandha prestazzjoni partikolarment b'saħħitha fis-servizzi (ara Figure 5 ) u fl-esportazzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata (23 %) għalkemm dak is-sehem naqas gradwalment matul l-aħħar 10 snin[96]. L-UE tiddomina wkoll l-esportazzjonijiet globali f'diversi setturi tal-manifattura, bħas-swieq tal-kimiċi u tal-karozzi (ara Figure 6), fejn madankollu l-aħħar żviluppi, b'mod partikolari l-kriżi tal-enerġija u t-tkabbir rapidu taċ-Ċina fis-swieq tat-teknoloġija nadifa, irriżultaw f'telf fis-sehem mis-suq. Fil-fatt, taħlita ta' fatturi ta' "spinta" (kostijiet ogħla tal-enerġija fl-UE) u ta' "attrazzjoni" (kundizzjonijiet ta' investiment attraenti ħafna f'pajjiżi terzi) tista' taffettwa b'mod negattiv l-investiment meħtieġ fl-Ewropa għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ta' suċċess.

Illustrazzoni 5 : Sehem tal-esportazzjonijiet dinjija: total (xellug); servizzi (lemin)




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq id-WTO (Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ)

Illustrazzjoni 6: Sehem tal-esportazzjonijiet dinjija: l-UE, iċ-Ċina, l-Istati Uniti (%): sustanzi kimiċi (xellug); karozzi (lemin)




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq id-WTO

[96] Reżiljenza ekonomika | Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu).

Il-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna wrew il-vulnerabbiltà tas-Suq Uniku għat-tfixkil fil-katina tal-provvista, li kienu jeħtieġu azzjoni kuraġġuża, inklużi miżuri ta' reċiproċità, xiri konġunt, u provvista diversifikata[97]. Il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE kienet kruċjali biex tingħabar id-domanda tax-xerrejja Ewropej u biex jiġu żgurati l-provvisti tal-gass lejn l-Ewropa mill-produtturi u mill-fornituri internazzjonali. Din tista' tintuża bħala pjan ta' azzjoni għall-organizzazzjoni tax-xiri konġunt ta' komoditajiet strateġiċi inkluż l-idroġenu u l-materja prima kritika.

L-**esponiment** tal-UE **għaċ-Ċina** żdied matul l-aħħar għoxrin sena. Il-kontrolli tal-esportazzjoni reċenti li ċ-Ċina applikat fuq il-gallju, il-ġermanju u l-prodotti tal-grafita artifiċjali juru r-riskji inerenti f'dipendenza ekonomika estensiva fuq l-importazzjonijiet minn fornitur wieħed mhux tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed tiżviluppa u timplimenta l-istrateġija tagħha ta' tneħħija tar-riskju fir-rigward taċ-Ċina.

Bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni identifikat u bdiet tindirizza d-**dipendenzi strateġiċi[98]** tal-UE. Id-dipendenzi strateġiċi jirrappreżentaw madwar 9,2 % tal-importazzjonijiet totali barra mill-UE, b'punti uniċi ta' falliment (SPOFs)[99] f'40 % tal-każijiet identifikati. Setturi ewlenin bħall-ispazju u d-difiża huma esposti wkoll għal dipendenzi barranin li jitolbu żieda fl-integrazzjoni intra-UE ta' dawn is-swieq.

Diversi **pajjiżi mhux tal-UE** ħadu miżuri biex inaqqsu d-dipendenzi tagħhom stess u biex jagħtu spinta lill-kreditu u lill-investiment f'setturi strateġiċi[100]. Bl-għajnuna tas-sussidji tal-Istat tagħha li jiffavorixxu lill-intrapriżi tal-Istat, lill-programmi ta' appoġġ, lill-fondi ta' gwida tal-gvern u lill-prattiki kummerċjali, iċ-Ċina issa tinsab fuq quddiem nett fis-suq tat-teknoloġija nadifa. Is-sensiela ta' investimenti mħabbra miċ-Ċina jaqbeż il-USD 280 biljun, li jwassal għal kapaċitajiet żejda u pressjoni fuq il-prezzijiet li jistgħu jipperikolaw l-argument għall-vijabbiltà tal-industriji xi mkien ieħor. Bl-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni (IRA), l-Istati Uniti żiedu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima. L-approċċ tal-Istati Uniti huwa bbażat fuq is-sussidji biex tinħoloq bażi ta' manifattura domestika ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Xi elementi tal-IRA, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontenut diskriminatorju, rekwiżiti tal-assemblaġġ, u sussidji tal-produzzjoni, qajmu tħassib għall-UE u għal sħab internazzjonali oħra[101]. Pereżempju, il-krediti tat-taxxa tal-IRA jżidu l-vantaġġ tal-kost għall-produzzjoni domestika tal-pakketti tal-batteriji b'25-30 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni[102].

---

[97] REPowerEU (europa.eu).

[98] Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, il-Kummissjoni Ewropea; SWD(2021)352 "Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi"; SWD(2022) 40 final "Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi tal-UE: it-tieni stadju tar-rieżami fil-fond"; Dokumenti Ekonomiċi dwar is-Suq Uniku, Nru 14 "An enhanced methodology to monitor the EU's strategic dependencies and vulnerabilities - European Commission (europa.eu).

[99] Ir-riskju tal-SPOFs jiddependi minn żewġ karatteristiċi tal-prodott: (1) l-eżistenza ta' nodu ċentrali fin-networks kummerċjali dinjija għal dak il-prodott, u (2) konċentrazzjoni għolja ta' esportazzjonijiet dinjija f'pajjiż wieħed. Ir-riskju kkalkolat ta' SPOF globali jinkiseb billi jiġu kkombinati dawn iż-żewġ indikaturi. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara p. 18 fid-Dokumenti Ekonomiċi dwar is-Suq Uniku, Nru 14 (referenza hawn fuq).

[100] L-Anness 5 ta' din il-Komunikazzjoni jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' reżiljenza tas-sħab internazzjonali ewlenin (SWD(2024) 78).

[101] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_5245.

[102] Deloitte (2023), "Sustainability & Climate IRA and the net-zero race – How EU industrial policy should respond", p. 11.

Biex tindirizza dawn l-isfidi, l-UE żviluppat is-sett ta' għodod tagħha stess, billi kkombinat l-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-provvista u għat-tisħiħ tal-kapaċità domestika[103].

Il-Kummissjoni baqgħet impenjata b'mod attiv biex tissalvagwardja u tirriforma d-WTO biex tindirizza d-distorsjonijiet kompetittivi b'mod aktar effettiv, bit-13-il Konferenza Ministerjali li jmiss timmarka opportunità importanti. Hija kkonkludiet ukoll Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, bħal ma' New Zealand, mal-Kenja u maċ-Ċilì, u qed tinnegozja oħrajn. B'mod parallel, biex tħaffef il-kooperazzjoni industrijali, l-UE kkonkludiet **Sħubijiet Strateġiċi dwar il-Materja Prima** mal-Kanada, mal-Ukrajna, mal-Każakistan, man-Namibja, mal-Arġentina, maċ-Ċilì, mar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, maż-Żambja u ma' Greenland. Dawn is-sħubijiet jiffaċilitaw proġetti industrijali dwar il-materja prima f'pajjiżi mhux tal-UE ma' dawk li jiddeċiedu li jidħlu għas-self fl-UE[104] u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur sostenibbli u impjiegi lokali ta' kwalità. Is-sħubijiet mal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp huma sostnuti mill-istrateġija usa' tal-UE **Global Gateway**. L-UE kkonkludiet ukoll erba' **Sħubijiet Diġitali**, mal-Ġappun, mal-Korea, ma' Singapore u mal-Kanada, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-5G, iċ-ċibersigurtà, il-computing kwantistiku u r-reżiljenza tal-industrija tas-semikondutturi[105]. L-UE qed taħdem ukoll lejn **regoli vinkolanti dwar il-kummerċ diġitali** ma' sħab ewlenin[106].

L-UE adottat ukoll serje ta' strumenti ġodda flimkien mal-istrumenti tagħha għad-difiża tal-kummerċ biex tiddefendi l-**kompetizzjoni fuq l-istess livell[107]**. Il-Kummissjoni nediet b'mod partikolari investigazzjoni formali kontra sussidji distortivi ta' vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batteriji importati miċ-Ċina[108].

Barra minn hekk, l-UE adottat ukoll l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika. Il-Kummissjoni twieġeb għar-riskji identifikati billi tipproponi miżuri biex **tippromwovi** l-kompetittività tal-UE, biex **tipproteġi** s-sigurtà ekonomika tal-UE u biex tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni permezz ta' **sħubija** ma' firxa wiesgħa ta' pajjiżi. F'Jannar 2024, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' proposti biex timplimenta din l-Istrateġija[109].

---

[103] Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-isforzi mwettqa bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, inkluż l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni.

[104] Pereżempju, fir-rigward tas-sħubija strateġika mal-Każakistan, il-kumpaniji tal-UE u tal-Kazakistan stabbilew kooperazzjoni għall-irkupru ta' elementi ta' materjali tal-art rari mill-iskart tal-estrazzjoni tal-uranju, fl-esplorazzjoni ġeofiżika fl-ajru u fl-ipproċessar sostenibbli ta' żewġ depożiti tat-tungstenu fil-Każakistan, xi drabi bl-involviment tal-finanzjament tal-UE u tal-BERŻ.

[105] Sħubijiet diġitali | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (europa.eu).

[106] Ġew konklużi negozjati mal-Ġappun u għadhom għaddejjin mal-Korea t'Isfel u ma' Singapore.

[107] Pereżempju, l-UE adottat ir-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin, ir-Regolament dwar l-iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani, l-istrument Kontra l-Koerċizzjoni, l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali.

[108] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_4752.

[109] Għodod ġodda biex tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-UE - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

L-UE għandha tibni network aktar modern ta' ftehimiet kummerċjali, sħubijiet u alleanzi, filwaqt li tkompli taħdem fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni multilaterali u l-kummerċ miftuħ.

Fl-istess ħin, il-ġabra mtejba tagħna ta' għodod għall-protezzjoni tal-kummerċ tista' ttejjeb is-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza. L-UE għandha tvara d-difiża tal-kummerċ biex tipproteġi s-Suq Uniku meta jkun meħtieġ u taħdem fuq bażi kontinwa biex tivvaluta u tindirizza r-riskji għas-sigurtà ekonomika f'ambjent kumpless.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom: (1) jissorveljaw b'mod attiv ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista strateġiċi u jinvolvu ruħhom fil-valutazzjonijiet tar-riskju previsti taħt l-Istrateġija għas-Sigurtà Ekonomika; (2) jallinjaw l-istrateġiji dwar il-ktajjen tal-provvista u jibnu l-kapaċità industrijali f'oqsma ta' importanza strateġika, filwaqt li jisfruttaw is-sinerġiji ta' azzjoni koordinata, b'mod partikolari permezz tal-Bord dwar is-Semikondutturi, il-Bord għall-Materja Prima Kritika u l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti; u (3) jippromwovu d-diversifikazzjoni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-atturi industrijali tal-pajjiżi Ewropej u sħab fi proġetti marbuta mal-materja prima u s-sħubijiet diġitali stabbiliti mill-UE.

## Konklużjoni

F'kuntest ġeopolitiku globali li qed jinbidel malajr u li huwa ta' sfida, is-Suq Uniku jibqa' l-aktar assi b'saħħtu tal-UE. Din il-Komunikazzjoni tfakkarna li s-Suq Uniku mhuwiex kisba statika. Is-saħħa tagħha u l-kompetittività tal-ekonomiji tagħna jiddependu mill-isforzi konġunti u kontinwi tagħna biex nieħdu ħsiebu u niżguraw li jibqa' allinjat mar-realtajiet ekonomiċi.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-UE mmodernizzat is-Suq Uniku billi organizzat l-ispazju diġitali tagħha, u pprovdiet sett uniformi ta' regoli għan-negozji biex joperaw online madwar l-UE. L-UE hija impenjata wkoll fil-promozzjoni ta' ekonomija aktar ċirkolari, li tipprovdi opportunitajiet ta' negozju għall-kumpaniji u l-iffrankar għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, l-UE għamlet sforzi biex tneħħi l-ostakli għall-investiment. Il-Kummissjoni tat bidu għal sforz deċiżiv biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar. L-istrumenti tal-UE jappoġġaw l-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Patt għall-Ħiliet u l-miżuri li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għandhom l-għan li jirrispondu għan-nuqqas ta' ħiliet. Miżuri ġodda, bħall-Att dwar iċ-Ċipep, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jew l-Att dwar il-Materja Prima Kritika se jaċċellera l-proġetti tal-manifattura fit-teknoloġiji tal-futur u jindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista.

Din il-Komunikazzjoni tidentifika oqsma għaż-żamma u għat-titjib tal-kompetittività globali tal-UE, b'mod partikolari:

- Sforzi ddedikati biex tittejjeb u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tar-regoli miftiehma, inkluż billi jiġi evitat il-"gold plating", biex jiġu ffaċilitati n-negozju u l-intraprenditorija fl-Ewropa.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaċċelleraw l-isforzi biex jindirizzaw il-kostijiet tal-enerġija, permezz tal-użu aċċellerat tal-enerġija dekarbonizzata u l-investiment fl-infrastruttura, inklużi l-grilji u l-interkonnessjonijiet transfruntieri.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħtu prijorità lill-varar ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali reali u profonda, biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament privat,

mhux l-inqas għall-kapital ta' riskju, u biex jippermettu l-espansjoni tal-kumpaniji fl-Ewropa.

- Huwa meħtieġ investiment pubbliku kontinwu biex jiġi żgurat il-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa f'oqsma prijoritarji ewlenin, fid-dawl tas-suċċess tan-Next Generation EU u tar-REPowerEU. L-implimentazzjoni f'waqtha tal-fondi tal-Unjoni bħall-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tista' tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi u ttejjeb il-konverġenza reġjonali fis-Suq Uniku, inkluż permezz ta' investimenti akbar f'oqsma strateġiċi tat-teknoloġija koperti bl-STEP.
- Huma meħtieġa passi biex tingħata aktar prijorità lill-isforzi ta' riċerka u tissaħħaħ it-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka f'applikazzjonijiet prattiċi tan-negozju.
- Mhux l-inqas biex jiġi żgurat li l-impriżi tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jirnexxu f'setturi diġitali, tat-teknoloġija nadifa u f'setturi strateġiċi oħra,l-UE għandha tkompli tippromwovi kummerċ ġust u miftuħ u tuża strumenti għad-difiża tal-kummerċ biex tipproteġi s-Suq Uniku meta jkun meħtieġ.
- Id-diskrepanzi fil-ħiliet u fil-forza tax-xogħol għandhom jingħataw aktar attenzjoni fil-kuntest ta' xejriet demografiċi usa', b'mod partikolari permezz ta' sforzi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda wkoll billi tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-ħiliet u tat-talenti fl-UE u lejha.

F'dan l-isfond, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi oqsma u direzzjonijiet biex tirnexxi fil-motivaturi ewlenin miftiehma fl-Istrateġija tal-Kompetittività fit-tul u biex taħdem lejn l-objettivi stabbiliti hemmhekk u fil-Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku".

Din id-diskussjoni se tkompli u se tara kontributi kruċjali bil-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' Livell Għoli li jmiss dwar il-futur tas-Suq Uniku ta' Enrico Letta u r-Rapport ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea.

Sakemm isiru dawn il-kontributi, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew biex jiddiskutu s-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-progress fis-Suq Uniku u l-kompetittività fid- dawl ta' dan ir-Rapport.